FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 21 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv Nru.466/96

Goldcraft Limited

vs

Conrad Agius

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 1996, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Hamsa u tmenin Lira Maltija, (Lm85), prezz ta' brazzuletta tad-deheb mibjugha lill-konvenut mid-ditta Classic Jewellers, liema ditta tappartjeni lis-socjeta' attrici, fid-29 ta' Lulju, 1996, skond l-ircevuta fiscali numru 2145 rilaxxjata mid-ditta Classic Jewellers a favur tal-istess konvenut (Dok.A);

Intalab ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-29 ta' Lulju, 1996 sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz kontra l-konvenut ngunt biex jidher in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ma deherx u lanqas ma ppresenta risposta fir-rigward;

Semgha x-xhieda ta' Joselle Rogers ghad-ditta attrici li kkonfermat li l-ammont in kwistjoni kien dovut ghall-brazzuletta li l-konvenut kien akkwista u hallas b'cheque liema cheque ma giex onorat. Hi qalet li l-brazzuletta nxtrat fid-29 ta' Lulju, 1996.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

:

It-Tribunal jirrizultalu li l-pagament mitlub fil-fatt ghadu dovut, u ghaldaqstant jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Hamsa u tmenin Lira Maltija, (Lm85), kif fuq inghad, kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-29 ta' Lulju, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.